

## **P7\_TA(2009)0047**

### **L-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir (COM(2009)0055 – C7-0014/2009 – 2009/0020(CNS))**

#### **(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2009)0055),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 62(2)(b)(i) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0014/2009),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0016/2009),
1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u l-Commonwealth tal-Bahamas .